# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar it-Tnejn 23 ta'Mejju 2016**

**Rikors Numru : 27/2016 JPG**

**Kawza Numru : 25**

**Kummissarju tat-Taxxi**

**vs**

**Yoranne Gael Gabriel Kerignard (Karta tal-identita' Nru: 81517A)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxi tat-13 ta' Jannar 2016 (a fol. 1 et seq) li jaqra hekk:

*"Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010 /24/UE dwar l-Assistenza Reciproka ghall-Irkupru ta' Talbiet li ghandhom x'jaqsmu ma' Taxxi, Dazji u Miiuri ohra tas-16 ta' Marzu 2010 tippromwovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri fir-rigward ta' irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuta minn debituri ta'Stat Membru partikolari li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru iehor, u mizuri ohra;*

*Illi din id-Direttiva giet implimentata fil-Ligi ta' Malta permezz tal-Ordni ravvizat fl-Avviz Legali Nru. 153 tas-sena 2012 liema Avviz Legali dahal fis-sehh fl-ewwel (1) ta' Jannar 2012 u li jippermetti lil Ministru responsabbli ghall-Finanzi, bhala l-awtorita' kompetenti, sabiex tigbor taxxa dovuta fi Stati Membri ohra fejn id-debitur jinsab gewwa Malta;*

*Illi ai termini tad-Direttiva imsemmija, l-awtorita’ kompetenti ta' Franza, ossija l-awtorita' applikanti, ghamlet talba ghall-assistenza lill-esponent Kummissarju tat-Taxxi, f’isem il-Ministru responsabbli ghall-Finanzi, sabiex l-esponent jirkupra taxxa li hi dovuta lill-istess awtorita' applikanti;*

*Illi l-intimat ghandu taxxa dovuta lill-awtorita' applikanti ta' Franza fl-ammont ta' miljun, tmienja u sittin elf, mija u sebgha ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1,068,107.41), kif jidher mill-Istrument Uniformi li jippermetti Infurzar hawn anness u immarkat bhala Dok.'A', oltre interessi skont il-ligi.*

*Illi l-intimat huwa indikat li jinsab gewwa Malta u ghalhekk l-esponent qed jipprocedi sabiex jirkupra l-ammont hawn fuq imsemmi stante li l-imsemmi dejn qed jitqies daqslikieku kien dejn dovut lill-Gvern ta' Malta u dan ai termini tal-Artikolu 9 tal-imsemmi Avviz Legali;*

*Illi l-esponent hu sodisfatt illi fir-rigward ta'din it-talba ta' irkupru gew imharsa r-rekwiziti relevanti kollha tal-imsemmija Direttiva;*

*Illi, madanakollu, l-intimat ghandu dritt ghal traduzzjoni tal-istess Dok.'A' f’wahda mill-lingwi ufficcjali tal-Unjoni Ewropea jew ta' Malta. Fir-rigward ta' dan qieghed jigi allegat dokument ma' dan ir-rikors, u immarkat bhala Dok.'B' sabiex l-intimat ikun specifikament infurmat illi tali rikjesta ghandha ssir fi zmien sebat (7) ijiem mid-data ta' notifika tal-istess dokument.*

*Ghaldaqstant u in vista tas-suespost, l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, ai termini tas-sub-artikoli 9(6) u (7) tal-imsemmi Avviz Legali, fl-ewwel lok tordna li kopja ta' dan ir-rikors flimkien mad-dokumenti hawn annessi u mmarkati bhala Dok. 'A' u Dok. 'B' jigu notifikati lill-intimat skont id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u fit-tieni lok sabiex tordna r-registrazzjoni tad-dokument hawn anness u mmarkat bhala Dok.'A', bhala kopja ufficcjali tieghu, sabiex tali dokument jikkostitwixxi titolu ezekuttiv.”*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati permezz ta’ pubblikazzjoni u affissjoni, skond il-ligi;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta illi l-intimat gie debitament notifikat skont il-ligi, kif jidher minn fol 28 – 31 tal-process, izda baqa' ma kkontestax dawn il-proceduri.

Din il-Qorti tinsab sodisfatta li f'dan il-każ ġew segwiti r-rekwiżiti tad-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE u tal-Avviż Legali 153 tal-2012.

Għaldaqstant il-Qorti tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u tordna li ssir ir-reġistrazzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur u mmarkati bħala Dok. 'A', bħala kopja uffiċjali taghhom, sabiex tali dokumenti jikkostitwixxu titolu eżekuttiv, għas-somma ta' miljun, tmienja u sittin elf, mija u sebgha ewro u wiehed u erbghin centezmu (€1,068,107.41).

Bl-ispejjez kollha ta' din il-procedura kontra l-intimat.

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**